DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/105

tat-22 ta' Jannar 2025

li temenda d-Deċiżjoni 2006/771/KE li taġġorna l-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati fil-qasam tal-użu tal-ispettru tar-radju għall-apparati ta' medda qasira u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/641/UE dwar il-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-użu tal-ispettru tar-radju minn tagħmir tal-awdjo mingħajr fili għall-ħolqien ta' programmi u avvenimenti speċjali fl-Unjoni

(notifikata bid-dokument C(2025) 192)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispektrum tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispektrum tar-Radju) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Tipikament, l-apparati ta' medda qasira jkunu apparati tar-radju tas-suq tal-massa jew portabbli, jew it-tnejn li huma, li jistgħu jinġarru u jintużaw faċilment bejn il-fruntieri. Id-differenzi fil-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-ispettru jirriskjaw li joħolqu interferenza dannuża ma' applikazzjonijiet u servizzi tar-radju oħrajn, iwaqqfu l-moviment liberu tagħhom, u jżidu l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/771/KE ([2]) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1538 ([3]) jikkostitwixxu l-qafas regolatorju għall-apparati ta' medda qasira, li jappoġġa l-innovazzjoni għal firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet fi ħdan is-suq uniku diġitali.

(3) Id-Deċiżjoni 2006/771/KE tarmonizza l-kundizzjonijiet tekniċi għall-użu tal-ispettru għal varjetà wiesgħa ta' apparati ta' medda qasira fl-oqsma ta' applikazzjonijiet bħal pereżempju l-allarmi, il-komunikazzjonijiet lokali, it-telekmand, l-impjanti mediċi u l-ġbir ta' *data* medika, is-sistemi ta' trasport intelliġenti u l-"Internet tal-Oġġetti", inkluż l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju ("RFID", radio-frequency identification). Minħabba f'hekk, l-apparati ta' medda qasira li jirrispettaw dawn il-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati huma soġġetti biss għal awtorizzazzjoni ġenerali skont il-liġi nazzjonali.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1538 tarmonizza wkoll il-kundizzjonijiet tekniċi għall-użu tal-ispettru mill-apparati ta' medda qasira fil-baned ta' frekwenzi 874-874,4 u 915-919,4 MHz. F'dawn il-baned ta' frekwenzi, l-ambjent tal-kondiviżjoni huwa differenti mill-bqija tal-ispettru tar-radju użat mill-apparati ta' medda qasira u jeħtieġ reġim regolatorju speċifiku. Dik id-Deċiżjoni tippermetti soluzzjonijiet RFID teknikament avvanzati kif ukoll applikazzjonijiet tal-"Internet tal-Oġġetti" bbażati fuq networks ta' apparati ta' medda qasira f'networks tad-*data*.

(5) Minħabba l-importanza dejjem tikber tal-apparati ta' medda qasira għall-ekonomija u minħabba l-bidliet rapidi fit-teknoloġija u fid-domandi tas-soċjetà, regolarment jitfaċċaw applikazzjonijiet ġodda għal dawn l-apparati. Dawn l-applikazzjonijiet jeħtieġu aġġornamenti regolari tal-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-użu tal-ispettru.

([1]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2002/676(1)/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/771/KE tad-9 ta' Novembru 2006 dwar l-armonizzazzjoni tal-ispettru tar-radju għal użu ma' tagħmir għal meded qosra (ĠU L 312, 11.11.2006, p. 66, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2006/771(2)/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1538 tal-11 ta' Ottubru 2018 dwar l-armonizzazzjoni tal-ispettru tar-radju li għandu jintuża mit-tagħmir għal meded qosra fil-baned tal-frekwenzi ta' 874-876 MHz u 915-921 MHz (ĠU L 257, 15.10.2018, p. 57, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2018/1538/oj).

(6) Abbażi tal-mandat permanenti li ħarġet il-Kummissjoni lill-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni ("CEPT", European Conference of Postal and Telecommunications Administrations) f'Lulju 2006, skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE, l-Anness tad-Deċiżjoni 2006/771/KE jenħtieġ li jiġi aġġornat biex ikun jirrifletti l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq fil-qasam tal-apparati ta' medda qasira. Dak l-Anness ġie emendat tmien darbiet. Il-ħidma mwettqa abbażi tal-mandat permanenti lis-CEPT kienet ukoll il-bażi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1538 li tipprovdi spettru addizzjonali għall-apparati ta' medda qasira fi ħdan il-baned ta' frekwenzi 874-874,4 u 915-919,4 MHz.

(7) Fil-21 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni ħarġet ittra gwida għad-disa' ċiklu ta' aġġornament. Bi tweġiba għall-mandat permanenti lis-CEPT u f'konformità ma' dik il-gwida, is-CEPT ippreżentat ir-Rapport 85 lill-Kummissjoni fit-8 ta' Marzu 2024. Minbarra t-titjib tal-entrati eżistenti applikabbli għal impjanti mediċi attivi, RFID, applikazzjonijiet bil-vuċi u bil-vidjo u apparati ta' assistenza għas-smigħ, is-CEPT tipproponi li jiżdiedu entrati ġodda fl-Anness tad-Deċiżjoni 2006/771/KE. Dawk l-entrati l-ġodda jippermettu l-użu tal-ispettru minn sistemi ta' Radar b'Apertura Sintetika ("SAR", Synthetic Aperture Radar) ibbażati fuq l-art u skeners tas-sigurtà. Għalhekk ir-rapport jenħtieġ li jifforma l-bażi teknika għal din id-Deċiżjoni.

(8) Fir-Rapport 85, is-CEPT ipproponiet ukoll li fl-Anness tad-Deċiżjoni 2006/771/KE jiġu inklużi kundizzjonijiet tekniċi applikabbli għal apparati tal-awdjo għall-ħolqien ta' programmi u avvenimenti speċjali ("apparati tal-awdjo għall-PMSE") li jużaw 32,3 MHz tal-ispettru armonizzat fil-baned ta' frekwenzi 800 MHz u 1800 MHz u rrakkomandat li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/641/UE ([4]) titħassar.

(9) Il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha tas-26 ta' Settembru 2012 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni ([5]), irrikonoxxiet l-industriji kulturali u kreattivi bħala wieħed mis-setturi ekonomiċi l-aktar dinamiċi tal-Ewropa u mutur essenzjali tad-diversità kulturali fl-Ewropa. B'mod partikolari, l-Artikolu 8(5) tad-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), jenfasizza l-importanza tal-PMSE u jirrikjedi li l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jipprovaw jiżguraw il-baned ta' frekwenzi meħtieġa għal dan it-tagħmir, f'konformità mal-objettivi tal-Unjoni biex jitjiebu l-integrazzjoni tas-suq intern u l-aċċess għall-kultura.

(10) Ir-rekwiżiti għal avvenimenti soċjali u kulturali spiss se jaqbżu l-ammont ta' 32,3 MHz disponibbli fil-baned ta' frekwenzi 800 MHz u 1 800 MHz. Peress li r-rekwiżiti tal-ispettru għall-użu tal-awdjo għall-PMSE jvarjaw b'mod sinifikanti, hemm bżonn li fil-livell tal-Unjoni tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' mill-inqas 62,3 MHz ta' spettru sostenibbli biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ordinarji rikorrenti għall-utenti tal-apparati tal-awdjo għall-PMSE.

(11) L-ammont addizzjonali ta' mill-inqas 30 MHz ta' spettru biex tiġi ssodisfata d-domanda possibbli għall-applikazzjonijiet tal-awdjo għall-PMSE fl-avvenimenti soċjali u kulturali jenħtieġ li jintgħażel minn meded ta' intunar li għandhom jiġu deċiżi mill-Istati Membri, preferibbilment fil-medda tal-ispettru 470-790 MHz.

(12) Jenħtieġ li l-apparati ta' medda qasira li joperaw skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni jkunu konformi wkoll mad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]).

(13) Għalhekk id-Deċiżjoni 2006/771/KE jenħtieġ li tiġi emendata u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/641/UE jenħtieġ li titħassar kif xieraq.

(14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ispettru tar-Radju,

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/641/UE tal-1 ta' Settembru 2014 dwar il-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-użu tal-ispettru tar-radju minn tagħmir tal-awdjo mingħajr fili għall-ħolqien ta' programmi u avvenimenti speċjali fl-Unjoni (ĠU L 263, 3.9.2014, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2014/641/oj).

([5]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-promozzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi għal tkabbir u l-impjiegi fl-UE", COM(2012) 537 final.

([6]) Id-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/243(2)/oj).

([7]) Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/53/oj).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2006/771/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu li ġej jiżdied wara l-paragrafu 2:

"2a. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw u jagħmlu disponibbli l-ispettru tar-radju minbarra l-ispettru armonizzat b'din id-Deċiżjoni għall-apparati tal-awdjo għall-PMSE, sabiex b'mod komplementari għall-baned identifikati fl-Anness, ikun jista' jintuża ammont addizzjonali ta' mill-inqas 30 MHz għall-apparati tal-awdjo għall-PMSE, soġġett għad-domanda tal-utenti. Użu bħal dan tal-apparati tal-awdjo għall-PMSE għandu jkun fuq bażi bla interferenza u bla protezzjoni fir-rigward tal-utenti li għandhom dritt individwali għall-użu tal-ispettru.";

(2) Fl-Artikolu 4a, id-data "1 ta' Ottubru 2022" hija sostitwita bid-data "1 ta' Novembru 2025";

(3) L-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/641/UE titħassar b'effett mill-1 ta' Lulju 2025.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni
Henna VIRKKUNEN
Viċi President Eżekuttiv

ANNESS

"ANNESS

Baned ta' frekwenzi bil-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati u l-iskadenzi ta' implimentazzjoni korrispondenti għall-apparati ta' medda qasira

It-Tabella 1 tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' kategoriji differenti ta' apparati ta' medda qasira (definiti fl-Artikolu 2(3)) li għalihom tapplika din id-Deċiżjoni. It-Tabella 2 tispeċifika kombinazzjonijiet differenti ta' banda ta' frekwenzi u kategorija ta' apparati ta' medda qasira, u l-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati tal-aċċess għall-ispettru u l-iskadenzi ta' implimentazzjoni applikabbli għalihom.

Il-kundizzjonijiet tekniċi ġenerali li japplikaw għall-baned kollha u għall-apparati ta' medda qasira li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni:

— L-Istati Membri għandhom jippermettu li l-baned ta' frekwenzi kontigwi stabbiliti fit-Tabella 2 jintużaw bħala banda ta' frekwenzi waħda, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' kull waħda minn dawn il-baned ta' frekwenzi kontigwi.

— L-Istati Membri għandhom jippermettu l-użu tal-ispettru sal-**potenza tat-trażmissjoni, is-saħħa tal-kamp jew id-densità tal-potenza** stabbiliti fit-Tabella 2. Skont l-Artikolu 3(3), dawn jistgħu jimponu kundizzjonijiet inqas restrittivi, jiġifieri jippermettu l-użu ta' spettru b'aktar potenza tat-trażmissjoni, b'aktar saħħa tal-kamp jew b'aktar densità tal-potenza, diment li dan ma jnaqqasx jew ma jikkompromettix il-koeżistenza xierqa bejn l-apparati ta' medda qasira fil-baned armonizzati b'din id-Deċiżjoni.

— L-Istati Membri jistgħu jimponu biss il-**parametri addizzjonali** (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew l-aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni) stabbiliti fit-Tabella 2, u ma għandhomx iżidu parametri oħra jew rekwiżiti oħra tal-aċċess għall-ispettru u tal-mitigazzjoni. Kundizzjonijiet inqas restrittivi skont l-Artikolu 3(3) tfisser li l-Istati Membri jistgħu jħallu barra għalkollox dawn il-parametri addizzjonali f'ċellola partikolari jew jippermettu valuri akbar, diment li ma jiġix kompromess l-ambjent xieraq tal-kondiviżjoni fil-banda armonizzata.

— L-Istati Membri jistgħu jimponu biss ir-**restrizzjonijiet l-oħra tal-użu** stabbiliti fit-Tabella 2 u ma għandhomx iżidu restrizzjonijiet addizzjonali tal-użu. Billi jistgħu jiġu applikati kundizzjonijiet inqas restrittivi skont l-Artikolu 3(3), l-Istati Membri jistgħu jħallu barra xi waħda mir-restrizzjonijiet jew kollha kemm huma, diment li ma jiġix kompromess l-ambjent xieraq tal-kondiviżjoni fil-banda armonizzata.

— Il-kundizzjonijiet inqas restrittivi skont l-Artikolu 3(3) għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2014/53/UE.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, tapplika d-definizzjoni **ċiklu tat-tħaddim** li ġejja:

"**ċiklu tat-tħaddim**" tfisser il-proporzjon, espress bħala persentaġġ, ta' Σ(Ton)/(Tobs) fejn Ton huwa l-ħin "mixgħul" ta' apparat trażmettitur uniku u Tobs huwa l-perjodu ta' osservazzjoni. It-Ton jitkejjel f'banda ta' frekwenzi ta' osservazzjoni (Fobs). Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-anness tekniku, it-Tobs huwa perjodu kontinwu ta' siegħa u l-Fobs hija l-banda ta' frekwenzi applikabbli f'dan l-anness tekniku. Il-kundizzjonijiet inqas restrittivi skont l-Artikolu 3(3) tfisser li l-Istati Membri jistgħu jippermettu valur akbar għaċ-"ċiklu tat-tħaddim".

Tabella 1

Kategoriji ta' apparati ta' medda qasira skont l-Artikolu 2(3) u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom

Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Kamp ta' applikazzjoni
Apparati mhux speċifiċi ta' medda qasira (SRD, short-range devices)	Tkopri t-tipi kollha tal-apparati tar-radju, irrispettivament mill-applikazzjoni jew l-iskop tagħhom, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tekniċi speċifikati għal banda ta' frekwenzi partikolari. Fost l-użi tipiċi hemm it-telemetrija, it-telekmand, l-allarmi, it-trażmissjonijiet tad-*data* inġenerali u applikazzjonijiet oħra.

Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Kamp ta' applikazzjoni
Apparati mediċi attivi impjantabbli	Tkopri l-parti tar-radju tal-apparati mediċi attivi impjantabbli li huma intenzjonati li jiġu introdotti għalkollox jew parzjalment, b'operazzjoni jew b'mod mediku, fil-ġisem tal-bniedem jew tal-annimal, u meta applikabbli l-periferali tagħhom. L-apparati mediċi attivi impjantabbli huma ddefiniti fid-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE ([1]).
Apparati ta' assistenza għas-smigħ (ALD, Assistive listening devices)	Tkopri s-sistemi tal-komunikazzjoni bir-radju li permezz tagħhom il-persuni bi problemi tas-smigħ ikunu jistgħu jżidu l-kapaċità tas-smigħ tagħhom. Fost l-installazzjonijiet tipiċi tas-sistema hemm trażmettitur tar-radju wieħed jew aktar, u riċevitur tar-radju wieħed jew aktar.
Apparati tal-Awdjo għall-Ħolqien ta' Programmi u Avvenimenti Speċjali (PMSE, Programme Making and Special Events)	Tkopri apparati tar-radju użati għat-trażmissjoni ta' sinjali awdjo analogi jew diġitali bejn numru limitat ta' trażmettituri u riċevituri, bħal mikrofoni tar-radju, monitors li jiddaħħlu fil-widna jew links tal-awdjo, użati prinċipalment għall-produzzjoni ta' programmi tax-xandir jew avvenimenti soċjali jew kulturali privati jew pubbliċi.
Apparati induttivi	Tkopri l-apparati tar-radju li jużaw kampi manjetiċi b'sistemi ta' loop induttiv għal komunikazzjoni qrib il-kampi u applikazzjonijiet għad-determinazzjoni. Tipikament dawn l-apparati jintużaw għall-immobilizzazzjoni tal-karozzi, għall-identifikazzjoni tal-annimali, għas-sistemi ta' allarm, għad-detezzjoni tal-kejbils, għall-immaniġġjar tal-iskart, għall-identifikazzjoni personali, għal links tal-vuċi mingħajr fili, għall-kontroll tal-aċċess, għas-sensuri tal-prossimità u tal-metall, għas-sistemi kontra s-serq, kif ukoll għas-sistemi induttivi RF kontra s-serq, għat-trasferiment tad-*data* lejn apparati li jinżammu fl-idejn, għall-identifikazzjoni awtomatika tal-oġġetti, għas-sistemi tal-kontroll mingħajr fili u għall-pedaġġ awtomatiku tat-toroq.
Apparati ta' allarm affidabbli	Tkopri apparati tar-radju li, bħala funzjonalità ewlenija, jużaw l-appoġġ tal-komunikazzjoni bir-radju biex jibagħtu twissija lil sistema jew lil persuna f'post imbiegħed meta tinqala' xi problema jew tinħoloq xi sitwazzjoni speċifika. L-allarmi bir-radju jinkludu l-allarmi soċjali u s-sistemi ta' allarm għas-sigurtà u s-sikurezza.
Apparati għall-kisba tad-*data* medika	Tkopri t-trażmissjoni ta' *data* mhux bil-vuċi lejn u minn apparati mediċi mhux impjantabbli biex jitwettqu monitoraġġ, dijanjożi u trattament lil pazjenti fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa jew fid-djar tagħhom kif preskritt minn professjonisti tal-kura tas-saħħa debitament awtorizzati.
Apparati PMR446	Tkopri t-tagħmir portabbli (mingħajr stazzjon bażi jew ripetitur) li jinġarr fuq il-persuna jew li jitħaddem manwalment, li juża antenni integrali biss biex jimmassimizza l-kondiviżjoni u jimminimizza l-interferenza. It-tagħmir PMR446 jaħdem f'modalità bejn il-pari fuq meded qosra u la għandu jintuża bħala parti min-network tal-infrastruttura u lanqas bħala ripetitur.
Apparati tar-radjudeterminazzjoni	Tkopri l-apparati tar-radju li jintużaw għad-determinazzjoni tal-pożizzjoni, tal-veloċità u/jew ta' karatteristiċi oħra ta' oġġett, jew biex tinkiseb informazzjoni relatata ma' dawn il-parametri. Tipikament it-tagħmir tar-radjudeterminazzjoni jwettaq kejl biex jikseb dawn il-karatteristiċi. L-apparati tar-radjudeterminazzjoni jeskludu kull tip ta' komunikazzjoni bir-radju minn punt għal punt jew minn punt għal diversi punti.
Apparati tal-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID, Radio frequency identification)	Tkopri s-sistemi tal-komunikazzjoni bir-radju bbażati fuq interrogatur/tikketta, li jikkonsistu minn (i) apparati tar-radju (tikketti) mehmuża ma' oġġetti animati jew mhux animati u (ii) unitajiet ta' trażmettitur/riċevitur (interrogaturi) li jattivaw it-tikketti u jirċievu lura d-*data*. Fost l-użi tipiċi hemm it-traċċar u l-identifikazzjoni ta' oġġetti, bħal pereżempju għall-fini tas-sorveljanza elettronika tal-oġġetti (l-EAS), u l-ġbir u t-trażmissjoni ta' *data* relatata mal-oġġetti li magħhom jinhemżu t-tikketti, li jistgħu jkunu mingħajr batterija, jaħdmu bl-għajnuna ta' batterija jew jaħdmu bil-batterija. Ir-risponsi minn tikketta jiġu vvalidati mill-interrogatur tagħha u jingħaddu lis-sistema li tospitaha.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE tal-20 ta' Ġunju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem (ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17).

Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Kamp ta' applikazzjoni
Apparati Telematiċi tat-Trasport u tat-Traffiku	Tkopri l-apparati tar-radju li jintużaw fl-oqsma tat-trasport (bit-triq, ferrovjarju, bl-ilma jew bl-ajru, skont ir-restrizzjonijiet tekniċi rilevanti), tal-ġestjoni tat-traffiku, tan-navigazzjoni, tal-ġestjoni tal-mobbiltà u fis-sistemi intelliġenti tat-trasport (l-ITS). Fost l-applikazzjonijiet tipiċi hemm l-interfaċċi bejn il-mezzi differenti tat-trasport, il-komunikazzjoni bejn il-vetturi (eż. minn karozza għal karozza), bejn il-vetturi u postijiet fissi (eż. minn karozza għal infrastruttura) kif ukoll il-komunikazzjoni bejn l-utenti.
Apparati tat-trażmissjoni tad-*data* fuq banda wiesgħa	Tkopri l-apparati tar-radju li jużaw tekniki ta' modulazzjoni fuq banda wiesgħa biex jaċċessaw l-ispettru. Fost l-użi tipiċi hemm is-sistemi tal-aċċess mingħajr fili bħalma huma n-networks tar-radju ta' żona lokali (WAS/RLAN) jew l-SRD fuq banda wiesgħa f'networks tad-*data*.

Tabella 2

Baned ta' frekwenzi bil-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati u l-iskadenzi ta' implimentazzjoni korrispondenti għall-apparati ta' medda qasira

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
1	9–59,750 kHz	Apparati induttivi	72 dBμA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014
90	9–148 kHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	46 dBμA/m f'10 metri f'referenza ta' 100 Hz, barra mill-apparat tar-Riżonanza Manjetika Nukleari (NMR). Saħħa tal-kamp manjetiku tinżel 10 dB/deċennju 'l fuq minn 100 Hz.		Għal applikazzjonijiet ta' Riżonanza Manjetika Nukleari (NMR) magħluqa [j].	l-1 ta' Lulju 2022
2	9–315 kHz	Apparati mediċi attivi impjantabbli	30 dBμA/m f'10 metri	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 10 %		l-1 ta' Lulju 2014
3	59,750–60,250 kHz	Apparati induttivi	42 dBμA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014
4	60,250–74,750 kHz	Apparati induttivi	72 dBμA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014
5	74,750–75,250 kHz	Apparati induttivi	42 dBμA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
6	75,250–77,250 kHz	Apparati induttivi	72 dBµA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014
7	77,250–77,750 kHz	Apparati induttivi	42 dBµA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014
8	77,750–90 kHz	Apparati induttivi	72 dBµA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014
9	90–119 kHz	Apparati induttivi	42 dBµA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014
10	119–128,6 kHz	Apparati induttivi	66 dBµA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014
11	128,6–129,6 kHz	Apparati induttivi	42 dBµA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014
12	129,6–135 kHz	Apparati induttivi	66 dBµA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014
13	135–140 kHz	Apparati induttivi	42 dBµA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014
14	140–148,5 kHz	Apparati induttivi	37,7 dBµA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014
15	148,5–5 000 kHz [1]	Apparati induttivi	-15 dBµA/m f'10 metri fi kwalunkwe wisa' tal-banda ta' 10 kHz. Barra minn hekk, is-saħħa totali tal-kamp hija -5 dBµA/m f'10 metri għas-sistemi li joperaw b'wisa' tal-banda akbar minn 10 kHz.			l-1 ta' Lulju 2014
91	148–5 000 kHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	-15 dBµA/m f'10 metri barra mill-apparat ta' Riżonanza Manjetika Nukleari (NMR).		Għal applikazzjonijiet ta' Riżonanza Manjetika Nukleari (NMR) magħluqa [j].	l-1 ta' Lulju 2022

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
16	315–600 kHz	Apparati mediċi attivi impjantabbli	-5 dB µA/m f'10 metri	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 10 %	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għall-apparati tal-annimali impjantabbli.	l-1 ta' Lulju 2025
17	400–600 kHz	Apparati tal-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID)	-8 dBµA/m f'10 metri fi kwalunkwe wisa' tal-banda ta' 10 kHz. Barra minn hekk, is-saħħa totali tal-kamp hija -5 dBµA/m f'10 metri għas-sistemi li joperaw b'wisa' tal-banda akbar minn 10 kHz.	Wisa' tal-banda ≥ 30 kHz		l-1 ta' Lulju 2025
85	442,2–450,0 kHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	7 dBµA/m f'10 metri	Spazjar tal-kanali ≥ 150 Hz	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għall-apparati tad-detezzjoni tal-persuni u tal-evitar tal-ħabtiet.	l-1 ta' Jannar 2020
18	456,9–457,1 kHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	7 dBµA/m f'10 metri		Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għall-apparati tad-detezzjonijiet ta' emerġenza għal vittmi u oġġetti ta' valur midfuna.	l-1 ta' Lulju 2014
19	984–7 484 kHz	Apparati Telematiċi tat-Trasport u tat-Traffiku	9 dBµA/m f'10 metri	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 1 %	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għat-trażmissjonijiet tal-Eurobalise fil-preżenza tat-treni li jużaw il-banda ta' 27 100-27 100 kHz għat-telepowering skont il-kundizzjonijiet stabbiliti għall-banda 28.	l-1 ta' Lulju 2014
20	3 155–3 400 kHz	Apparati induttivi	13,5 dBµA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
21	5 000–30 000 kHz [2]	Apparati induttivi	-20 dBμA/m f'10 metri fi kwalunkwe wisa' tal-banda ta' 10 kHz. Barra minn hekk, is-saħħa totali tal-kamp hija -5 dBμA/m f'10 metri għas-sistemi li joperaw b'wisa' tal-banda akbar minn 10 kHz.			l-1 ta' Lulju 2014
92	5 000–30 000 kHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	-5 dBμA/m f'10 metri barra mill-apparat ta' Riżonanza Manjetika Nukleari (NMR).		Għal applikazzjonijiet ta' Riżonanza Manjetika Nukleari (NMR) magħluqa [j].	l-1 ta' Lulju 2022
22	6 765–6 795 kHz	Apparati induttivi	42 dBμA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014
23	7 300–23 000 kHz	Apparati Telematiċi tat-Trasport u tat-Traffiku	-7 dBμA/m f'10 metri	Japplikaw ir-rekwiżiti tal-antenna [8].	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għat-trażmissjonijiet tal-Eurobalise fil-preżenza tat-treni li jużaw il-banda ta' 27 090-27 100 kHz għat-telepowering skont il-kundizzjonijiet stabbiliti għall-banda 28.	l-1 ta' Lulju 2014
24	7 400–8 800 kHz	Apparati induttivi	9 dBμA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014
25	10 200–11 000 kHz	Apparati induttivi	9 dBμA/m f'10 metri			l-1 ta' Lulju 2014
26	12 500–20 000 kHz	Apparati mediċi attivi impjantabbli	-7 dBμA/m f'10 metri fi kwalunkwe medda ta' frekwenza ta' 10 kHz	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 10 %	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għal użu fuq ġewwa minn apparati tal-annimali impjantabbli.	l-1 ta' Lulju 2025
27a	13 553–13 567 kHz	Apparati induttivi	42 dBμA/m f'10 metri	Japplikaw ir-rekwiżiti tal-maskra tat-trażmissjoni u tal-antenna għas-segmenti tal-frekwenzi kkombinati kollha [8], [9].		l-1 ta' Jannar 2020
27b	13 553–13 567 kHz	Apparati tal-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID)	60 dBμA/m f'10 metri	Japplikaw ir-rekwiżiti tal-maskra tat-trażmissjoni u tal-antenna għas-segmenti tal-frekwenzi kkombinati kollha [8], [9].		l-1 ta' Lulju 2014

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
27c	13 553–13 567 kHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 10 mW			l-1 ta' Lulju 2014
28	26 957–27 283 kHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 10 mW			l-1 ta' Lulju 2014
29	26 990–27 000 kHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 100 mW	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 0,1 % Il-mudelli tal-apparati ta' kontroll [d] jistgħu joperaw mingħajr restrizzjonijiet taċ-ċiklu tat-tħaddim.		l-1 ta' Lulju 2014
30	27 040–27 050 kHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 100 mW	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 0,1 % Il-mudelli tal-apparati ta' kontroll [d] jistgħu joperaw mingħajr restrizzjonijiet taċ-ċiklu tat-tħaddim.		l-1 ta' Lulju 2014
31	27 090–27 100 kHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 100 mW	Ċiklu tat-tħaddim ≤: 0,1 % Il-mudelli tal-apparati ta' kontroll [d] jistgħu joperaw mingħajr restrizzjonijiet taċ-ċiklu tat-tħaddim.		l-1 ta' Lulju 2014
32	27 140–27 150 kHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 100 mW	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 0,1 % Il-mudelli tal-apparati ta' kontroll [d] jistgħu joperaw mingħajr restrizzjonijiet taċ-ċiklu tat-tħaddim.		l-1 ta' Lulju 2014
33	27 190–27 200 kHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 100 mW	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 0,1 % Il-mudelli tal-apparati ta' kontroll [d] jistgħu joperaw mingħajr restrizzjonijiet taċ-ċiklu tat-tħaddim.		l-1 ta' Lulju 2014
34	30–37,5 MHz	Apparati mediċi attivi impjantabbli	e.r.p. ta' 1 mW.	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 10 %	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għall-impjanti tal-membrani mediċi b'potenza ultrabaxxa li jkejlu l-pressjoni tad-demm.	l-1 ta' Lulju 2014
93	30–130 MHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	e.r.p. ta' -36 dBm barra mill-apparat ta' Riżonanza Manjetika Nukleari (NMR).		Għal applikazzjonijiet ta' Riżonanza Manjetika Nukleari (NMR) magħluqa [j].	l-1 ta' Lulju 2022

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
35	40,66–40,7 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 10 mW			l-1 ta' Jannar 2018
36	87,5–108 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 50 nW	Wisa' tal-banda ≤ 200 kHz.	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għat-trażmettituri awdjo b'modulazzjoni ta' frekwenza analoga (FM).	l-1 ta' Lulju 2025
37a	169,4–169,475 MHz	Apparati ta' Assistenza għas-Smigħ (ALD)	e.r.p. ta' 500 mW.			l-1 ta' Lulju 2025
37c	169,4–169,475 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 500 mW.	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 1,0 % Għall-apparati tal-metraġġ [a], iċ-ċiklu tat-tħaddim ≤ 10 %		l-1 ta' Lulju 2025
38	169,4–169,4875 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 10 mW	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 0,1 %		l-1 ta' Jannar 2020
39a	169,4875–169,5875 MHz	Apparati ta' Assistenza għas-Smigħ (ALD)	e.r.p. ta' 500 mW.			l-1 ta' Lulju 2025
39b	169,4875–169,5875 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 10 mW	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 0,001 % Bejn 00:00h u s-06:00h ħin lokali jista' jintuża ċiklu tat-tħaddim ta' ≤ 0,1 %.		l-1 ta' Jannar 2020
40	169,5875–169,8125 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 10 mW	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 0,1 %		l-1 ta' Jannar 2020
82	173,965–216 MHz	Apparati ta' Assistenza għas-Smigħ (ALD)	e.r.p. ta' 10 mW	Abbażi ta' firxa tal-intunar [5]. Hemm bżonn livell limitu ta' 35 dBµV/m biex tkun żgurata l-protezzjoni tar-riċevitur tad-DAB li jinsab 1,5 metru 'l boghod mill-apparat tal-ALD, soġġett		l-1 ta' Lulju 2025

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
				għal kejl tal-qawwa tas-sinjal tad-DAB madwar is-sit ta' operazzjoni tal-ALD. L-apparat tal-ALD jenħtieġ li jibqa' jaħdem f'kull ċirkostanza minn għall-inqas 300 kHz 'il boghod mit-tarf tal-kanal ta' kanal okkupat tad-DAB. Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].		
41	401–402 MHz	Apparati mediċi attivi impjantabbli	e.r.p. ta' 25 μW	Wisa' tal-banda ≤ 100 kHz Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7]. Alternattivament, japplika limitu taċ-ċiklu tat-tħaddim ta' 0,1 %.	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għas-sistemi ddisinjati speċifikament bl-iskop li jipprovdu komunikazzjoni diġitali mingħajr vuċi bejn l-apparati mediċi attivi impjantabbli u/jew l-apparati milbusa fuq il-persuna u apparati oħra esterni għall-ġisem tal-persuna li jintużaw biex jittrasferixxu informazzjoni fiżjoloġika dwar pazjent individwali li ma tkunx urġenti fil-ħin.	l-1 ta' Lulju 2025
42	402–405 MHz	Apparati mediċi attivi impjantabbli	e.r.p. ta' 25 μW	Wisa' tal-banda ≤ 300 kHz. Jistgħu jintużaw tekniki oħra għall-aċċess tal-ispettru jew għall-mitigazzjoni tal-interferenzi, fosthom baned ta' frekwenzi ikbar minn 300 kHz, diment li dawn jiżguraw operazzjoni kompatibbli mal-utenti l-oħra u b'mod partikolari mar-radjusondi meteoroloġiċi [7].		l-1 ta' Lulju 2025

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
43	405–406 MHz	Apparati mediċi attivi impjantabbli	e.r.p. ta' 25 µW	Wisa' tal-banda ≤ 100 kHz Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7]. Alternattivament, japplika limitu taċ-ċiklu tat-tħaddim ta' 0,1 %.	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għas-sistemi ddisinjati speċifikament bl-iskop li jipprovdu komunikazzjoni diġitali mingħajr vuċi bejn l-apparati mediċi attivi impjantabbli u/jew l-apparati milbusa fuq il-persuna u apparati oħra esterni għall-ġisem tal-persuna li jintużaw biex jittrasferixxu informazzjoni fiżjoloġika dwar pazjent individwali li ma tkunx urġenti fil-ħin.	l-1 ta' Lulju 2025
86	430–440 MHz	Apparati għall-kisba tad-*data* medika	Densità tal-potenza tal-e.r.p. ta' -50 dBm/100kHz iżda li ma taqbiżx il-potenza totali ta' -40 dBm/10MHz (iż-żewġ limiti huma maħsuba għal kejl fuq barra mill-ġisem tal-pazjent)		Is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għal applikazzjonijiet tal-Endoskopija Kapsulari Medika Mingħajr Fili b'Potenza Ultrabaxxa (ULP-WMCE) [h].	l-1 ta' Jannar 2020
44a	433,05–434,79 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 1 mW.			l-1 ta' Lulju 2025
44b	433,05–434,79 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 10 mW	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 10 %		l-1 ta' Jannar 2020
45c	434,04–434,79 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 10 mW	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 100 % soġġett għal wisa' tal-banda ≤ 25 kHz.		l-1 ta' Lulju 2025
83	446,0–446,2 MHz	PMR446	e.r.p. ta' 500 mW.	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].		l-1 ta' Jannar 2018
94	821,5–826 MHz	Apparati tal-awdjo għall-PMSE	e.i.r.p. ta' 100 mW għal apparati milbusa fuq il-persuna e.i.r.p. ta' 20 mW għal apparati oħrajn			l-1 ta' Lulju 2025
95	826–832 MHz	Apparati tal-awdjo għall-PMSE	e.i.r.p. ta' 100 mW			l-1 ta' Lulju 2025

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
87	862–863 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 25 mW.	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 0,1 % Wisa' tal-banda ≤ 350 kHz		l-1 ta' Jannar 2020
46a	863–865 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 25 mW.	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7]. Alternattivament, japplika ċiklu tat-tħaddim ta' ≤ 0,1 %.		l-1 ta' Jannar 2018
46b	863–865 MHz	Apparati tal-awdjo għall-PMSE	e.r.p. ta' 10 mW		Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli wkoll għall-apparati awdjo personali minħajr fili.	l-1 ta' Lulju 2025
84	863–868 MHz	Apparati tat-trażmissjoni tad-*data* fuq banda wiesgħa	e.r.p. ta' 25 mW.	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7]. Wisa' tal-banda > 600 kHz u ≤ 1 MHz Ċiklu tat-tħaddim ≤ 10 % għall-punti ta' aċċess tan-network [g] Ċiklu tat-tħaddim ≤ 2,8 % għall-bqija	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għall-SRD fuq banda wiesgħa fin-networks tad-*data* [g].	l-1 ta' Jannar 2018
47	865–868 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 25 mW.	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7]. Alternattivament, japplika ċiklu tat-tħaddim ta' ≤ 1 %.		l-1 ta' Jannar 2020
47a	865–868 MHz [6]	Apparati tal-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID)	It-trażmissjonijiet tal-interrogatur b'e.r.p. ta' 2 W huma permessi biss fi ħdan il-kanali ċċentrati fi 865,7 MHz, 866,3 MHz, 866,9 MHz u 867,5 MHz L-apparati tal-interrogatur tal-RFID imqiegħda fis-suq qabel id-data tar-revoka tad-	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7]. Wisa' tal-banda: ≤ 200 kHz		l-1 ta' Jannar 2018

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
			Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/804/KE huma "anterjorati", jiġifieri huma permessi kontinwament biex jintużaw f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/804/KE qabel id-data tar-revoka.			
47b	865–868 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 500 mW. It-trażmissjonijiet huma permessi biss fil-baned ta' frekwenzi ta' 865,6-865,8 MHz, 866,2-866,4 MHz, 866,8-867,0 MHz u 867,4-867,6 MHz. Huwa meħtieġ Kontroll tal-Potenza Adattattiv (APC). Inkella, xi teknika oħra tal-mitigazzjoni li għall-inqas ikollha livell ekwivalenti ta' kompatibbiltà tal-ispettru.	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7]. Wisa' tal-banda: ≤ 200 kHz Ċiklu tat-tħaddim ≤ 10 % għall-punti ta' aċċess tan-network [g] Ċiklu tat-tħaddim ≤ 2,5 % għall-bqija	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għan-networks tad-*data* [g].	l-1 ta' Jannar 2018
48	868–868,6 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 25 mW.	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7]. Alternattivament, japplika ċiklu tat-tħaddim ta' ≤ 1 %.		l-1 ta' Jannar 2020
49	868,6–868,7 MHz	Apparati ta' allarm affidabbli	e.r.p. ta' 10 mW	Wisa' tal-banda ≤ 25 kHz. Il-banda kollha ta' frekwenzi tista' tintuża wkoll bħala kanal uniku. Ċiklu tat-tħaddim ≤ 1 %		l-1 ta' Lulju 2025
50	868,7–869,2 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 25 mW.	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7]. Alternattivament, japplika ċiklu tat-tħaddim ta' ≤ 0,1 %.		l-1 ta' Jannar 2020

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
51	869,2–869,25 MHz	Apparati ta' allarm affidabbli	e.r.p. ta' 10 mW	Spazjar tal-kanali: 25 kHz. Ċiklu tat-tħaddim ≤ 0,1 %	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għall-apparati ta' allarm soċjali [b].	l-1 ta' Lulju 2014
52	869,25–869,3 MHz	Apparati ta' allarm affidabbli	e.r.p. ta' 10 mW	Wisa' tal-banda ≤ 25 kHz Ċiklu tat-tħaddim ≤ 0,1 %		l-1 ta' Lulju 2025
53	869,3–869,4 MHz	Apparati ta' allarm affidabbli	e.r.p. ta' 10 mW	Wisa' tal-banda ≤ 25 kHz Ċiklu tat-tħaddim ≤ 1 %		l-1 ta' Lulju 2025
54	869,4–869,65 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 500 mW.	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7]. Alternattivament, japplika ċiklu tat-tħaddim ta' ≤ 10 %.		l-1 ta' Jannar 2020
55	869,65–869,7 MHz	Apparati ta' allarm affidabbli	e.r.p. ta' 25 mW.	Wisa' tal-banda ≤ 25 kHz Ċiklu tat-tħaddim ≤ 10 %		l-1 ta' Lulju 2025
56a	869,7–870 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 5 mW.			l-1 ta' Lulju 2025
56b	869,7–870 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.r.p. ta' 25 mW.	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7]. Alternattivament, japplika ċiklu tat-tħaddim ta' ≤ 1 %.		l-1 ta' Jannar 2020

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
96	1 785–1 804,8 MHz	Apparati tal-awdjo għall-PMSE	e.i.r.p. ta' 50 mW għall-apparati milbusa fuq il-persuna jew għall-apparati li jimplimentaw il-Proċedura tal-Iskennjar tal-Ispettru (SSP). e.i.r.p. ta' 20 mW għal apparati oħrajn.			l-1 ta' Lulju 2025
57a	2 400–2 483,5 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.i.r.p. ta' 10 mW			l-1 ta' Lulju 2014
57b	2 400–2 483,5 MHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	e.i.r.p. ta' 25 mW			l-1 ta' Lulju 2014
57c	2 400–2 483,5 MHz	Apparati tat-trażmissjoni tad-*data* fuq banda wiesgħa	Densità ta' 100 mW e.i.r.p. u 100 mW/100 kHz e.i.r.p. tapplika meta tintuża l-modulazzjoni tal-qbiż tal-frekwenza. Densità ta' 10 mW/MHz e.i.r.p. tapplika meta jintużaw tipi oħra ta' modulazzjoni.	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].		l-1 ta' Lulju 2014
58	2 446–2 454 MHz	Apparati tal-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID)	e.i.r.p. ta' 500 mW	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].		l-1 ta' Lulju 2014
59	2 483,5–2 500 MHz	Apparati mediċi attivi impjantabbli	e.i.r.p. ta' 10 mW	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7]. Wisa' tal-banda ≤ 1 MHz. Il-banda kollha ta' frekwenzi	L-unitajiet prinċipali periferali għandhom jintużaw biss fuq ġewwa.	l-1 ta' Lulju 2025

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
				tista' tintuża wkoll b'mod dinamiku bħala kanal uniku biex tinżamm sessjoni tal-komunikazzjoni. Ċiklu tat-tħaddim ≤ 10 % għall-periferali.		
59a	2 483,5–2 500 MHz	Apparati għall-kisba tad-*data* medika	e.i.r.p. ta' 1 mW	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7]. Wisa' tal-banda ≤ 3 MHz. Ċiklu tat-tħaddim ≤ 10 %.	Is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għas-sistema tan-networks ta' żona ta' korpi mediċi (MBANS, medical body area network system) [f], għall-użu fuq ġewwa fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa.	l-1 ta' Jannar 2018
59b	2 483,5–2 500 MHz	Apparati għall-kisba tad-*data* medika	e.i.r.p. ta' 10 mW	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7]. Wisa' tal-banda ≤ 3 MHz. Ċiklu tat-tħaddim ≤ 2 %.	Is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għas-sistema tan-networks ta' żona ta' korpi mediċi (l-MBANS) [f], għall-użu fuq ġewwa fid-dar tal-pazjent.	l-1 ta' Jannar 2018
60	4 500–7 000 MHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	e.i.r.p. ta' 24 dBm [3]	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għar-Radar tal-Kejl tal-Livell fit-Tankijiet [c].	l-1 ta' Lulju 2014
61	5 725–5 875 MHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.i.r.p. ta' 25 mW			l-1 ta' Lulju 2014
62	5 795–5 815 MHz	Apparati Telematiċi tat-Trasport u tat-Traffiku	e.i.r.p. ta' 2 W	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu japplika biss għall-applikazzjonijiet tal-pedaġġ stradali u tat-takografu intelliġenti u għall-applikazzjonijiet tal-piż u tad-dimensjoni [i].	l-1 ta' Jannar 2020
88	5 855–5 865 MHz	Apparati Telematiċi tat-Trasport u tat-Traffiku	Densità ta' 33 dBm e.i.r.p., 23 dBm/MHz e.i.r.p. u Kontroll tal-Potenza tat-Trażmissjoni (TPC,Transmit Power Control) kapaċi jnaqqas il-potenza totali mill-massimu tiegħu għal e.i.r.p. ta' 3 dBm.	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għas-sistemi ta' vettura għal vettura, għas-sistemi ta' vettura għal infrastruttura u għas-sistemi ta' infrastruttura għal vettura.	l-1 ta' Lulju 2025

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
89	5 865–5 875 MHz	Apparati Telematiċi tat-Trasport u tat-Traffiku	Densità ta' 33 dBm e.i.r.p., 23 dBm/MHz e.i.r.p. u Kontroll tal-Potenza tat-Trażmissjoni (TPC) kapaċi jnaqqas il-potenza totali mill-massimu tiegħu għal e.i.r.p. ta' 3 dBm.	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għas-sistemi ta' vettura għal vettura, għas-sistemi ta' vettura għal infrastruttura u għas-sistemi ta' infrastruttura għal vettura.	l-1 ta' Lulju 2025
63	6 000–8 500 MHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	e.i.r.p. massima ta' 7 dBm/50 MHz u e.i.r.p. medja ta' -33 dBm/MHz.	Japplikaw ir-rekwiżiti tal-kontroll tal-potenza u tal-antenna kif ukoll ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7], [8] [10].	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għar-Radar tal-Kejl tal-Livell. Għandhom japplikaw iż-żoni ta' esklużjoni stabbiliti madwar is-siti tar-radjuastronomija.	l-1 ta' Lulju 2014
64	8 500–10 600 MHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	e.i.r.p. ta' 30 dBm [3]	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għar-Radar tal-Kejl tal-Livell fit-Tankijiet [c].	l-1 ta' Lulju 2014
65	17,1–17,3 GHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	e.i.r.p. ta' 26 dBm	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għas-sistemi SAR bbażati fl-art [k].	l-1 ta' Lulju 2025
66	24,05–24,075 GHz	Apparati Telematiċi tat-Trasport u tat-Traffiku	e.i.r.p. ta' 100 mW			l-1 ta' Lulju 2014
67	24,05–26,5 GHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	e.i.r.p. massima ta' 26 dBm/50 MHz u e.i.r.p. medja ta' -14 dBm/MHz.	Japplikaw ir-rekwiżiti tal-kontroll tal-potenza u tal-antenna kif ukoll ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7]. [8], [10]	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għar-Radar tal-Kejl tal-Livell. Għandhom japplikaw iż-żoni ta' esklużjoni stabbiliti madwar is-siti tar-radjuastronomija.	l-1 ta' Lulju 2014
68	24,05–27 GHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	e.i.r.p. ta' 43 dBm [3]	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għar-Radar tal-Kejl tal-Livell fit-Tankijiet [c].	l-1 ta' Lulju 2014

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
69a	24,075–24,15 GHz	Apparati Telematiċi tat-Trasport u tat-Traffiku	e.i.r.p. ta' 100 mW	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għar-radars tal-vetturi bbażati fl-art.	l-1 ta' Lulju 2014
69b	24,075–24,15 GHz	Apparati Telematiċi tat-Trasport u tat-Traffiku	e.i.r.p. ta' 0,1 mW			l-1 ta' Lulju 2014
70a	24,15–24,25 GHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.i.r.p. ta' 100 mW			l-1 ta' Lulju 2014
70b	24,15–24,25 GHz	Apparati Telematiċi tat-Trasport u tat-Traffiku	e.i.r.p. ta' 100 mW			l-1 ta' Lulju 2014
74a	57–64 GHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.i.r.p. ta' 100 mW u potenza massima tat-trażmissjoni ta' 10 dBm			l-1 ta' Jannar 2020
74b	57–64 GHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	e.i.r.p. ta' 43 dBm [3]	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għar-Radar tal-Kejl tal-Livell fit-Tankijiet [c].	l-1 ta' Lulju 2014
74c	57–64 GHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	e.i.r.p. massima ta' 35 dBm/50 MHz u e.i.r.p. medja ta' -2 dBm/MHz.	Japplikaw ir-rekwiżiti tal-kontroll tal-potenza u tal-antenna kif ukoll ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7], [8], [10].	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għar-Radar tal-Kejl tal-Livell.	l-1 ta' Lulju 2014
75	57–71 GHz	Apparati tat-trażmissjoni tad-*data* fuq banda wiesgħa	e.i.r.p. ta' 40 dBm u densità tal-e.i.r.p. ta' 23 dBm/MHz	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].	L-istallazzjonijiet fissi fuq barra huma esklużi.	l-1 ta' Jannar 2020
75a	57–71 GHz	Apparati tat-trażmissjoni tad-*data* fuq banda wiesgħa	e.i.r.p. ta' 40 dBm, densità tal-e.i.r.p. ta' 23 dBm/MHz u potenza massima tat-trażmissjoni ta' 27 dBm fil-port jew fil-portijiet tal-antenna	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].		l-1 ta' Jannar 2020

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
75b	57–71 GHz	Apparati tat-trażmissjoni tad-*data* fuq banda wiesgħa	e.i.r.p. ta' 55 dBm, densità tal-e.i.r.p. ta' 38 dBm/MHz u gwadann tal-antenna tat-trażmissjoni ≥ 30 dBi	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għall-installazzjoni fissi fuq barra.	l-1 ta' Jannar 2020
76	61–61,5 GHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.i.r.p. ta' 100 mW			l-1 ta' Lulju 2014
77	63,72–65,88 GHz	Apparati Telematiċi tat-Trasport u tat-Traffiku	e.i.r.p. ta' 40 dBm	L-apparati tat-TTT imqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2020 huma "anterjorati", jiġifieri jistgħu jużaw il-firxa tal-frekwenzi preċedenti ta' 63-64 GHz, inkella jkunu japplikaw l-istess kundizzjonijiet.	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għas-sistemi ta' vettura għal vettura, għas-sistemi ta' vettura għal infrastruttura u għas-sistemi ta' infrastruttura għal vettura.	l-1 ta' Jannar 2020
97	69,8–79,9 GHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	e.i.r.p. ta' 7 dBm.		Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli għall-iscanners tas-sigurtà [l] operati fuq ġewwa.	l-1 ta' Lulju 2025
78a	75–85 GHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	e.i.r.p. massima ta' 34 dBm/50 MHz u e.i.r.p. medja ta' -3 dBm/MHz.	Japplikaw ir-rekwiżiti tal-kontroll tal-potenza u tal-antenna kif ukoll ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7], [8], [10].	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għar-Radar tal-Kejl tal-Livell. Għandhom japplikaw iż-żoni ta' esklużjoni stabbiliti madwar is-siti tar-radjuastronomija.	l-1 ta' Lulju 2014
78b	75–85 GHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	e.i.r.p. ta' 43 dBm [3]	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għar-Radar tal-Kejl tal-Livell fit-Tankijiet [c].	l-1 ta' Lulju 2014
79a	76–77 GHz	Apparati Telematiċi tat-Trasport u tat-Traffiku	e.i.r.p. massima ta' 55 dBm u e.i.r.p. medja ta' 50 dBm, u e.i.r.p. medja ta' 23,5 dBm għar-radars tal-impulsi	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7]. Ir-radars fissi tal-infrastruttura tat-trasport għandhom ikunu radars li jiskennjaw biex jiġi limitat il-ħin tal-illuminazzjoni u	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għas-sistemi tal-vetturi u tal-infrastruttura bbażati fl-art.	l-1 ta' Ġunju 2020

Nru tal-banda	Banda ta' frekwenzi	Kategorija tal-apparati ta' medda qasira	Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/ limitu tas-saħħa tal-kamp/ limitu tad-densità tal-potenza	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
				jkun żgurat ħin minimu ta' silenzju biex ikun hemm koeżistenza mas-sistemi tar-radars fil-vetturi.		
79b	76–77 GHz	Apparati Telematiċi tat-Trasport u tat-Traffiku	e.i.r.p. massima ta' 30 dBm u densità tal-e.i.r.p. medja ta' 3 dBm/MHz	Ċiklu tat-tħaddim ≤ 56 %/s	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għas-sistemi tad-detezzjoni tal-ostakli għall-użu fl-inġenji li jaħdmu bl-iskrejjen [4]. Għandhom japplikaw iż-żoni ta' esklużjoni stabbiliti madwar is-siti tar-radjuastronomija.	l-1 ta' Lulju 2025
98	76–77 GHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	e.i.r.p. medja ta' 48 dBm u densità tal-e.i.r.p. medja ta' 18 dBm/MHz	Japplikaw ir-rekwiżiti għat-tekniki biex ikun hemm aċċess tal-ispettru u mitigazzjoni tal-interferenzi [7].	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għas-sistemi SAR bbażati fl-art [k]. Għandhom japplikaw iż-żoni ta' esklużjoni stabbiliti madwar is-siti tar-radjuastronomija.	l-1 ta' Lulju 2025
99	76,5–80,5 GHz	Apparati tar-radjudeterminazzjoni	e.i.r.p. massima ta' 19 dBm.	Hija meħtieġa mill-inqas attenwazzjoni barra mill-banda ta' 23 dB relattiva għall-e.i.r.p. massima permessa.	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu huwa disponibbli biss għall-iscanners tas-sigurtà [l] operati fuq ġewwa.	l-1 ta' Lulju 2025
80a	122–122,25 GHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.i.r.p. ta' 10 dBm/250 MHz u -48 dBm/MHz f'elevazzjoni ta' 30°			l-1 ta' Jannar 2018
80b	122,25–123 GHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.i.r.p. ta' 100 mW			l-1 ta' Jannar 2018
81	244–246 GHz	Apparati ta' medda qasira mhux speċifiċi	e.i.r.p. ta' 100 mW			l-1 ta' Lulju 2014

L-applikazzjonijiet u l-apparati msemmija fit-Tabella 2:

[a] "Apparati tal-metraġġ" tfisser apparati tal-metraġġ li huma parti minn sistemi tal-komunikazzjoni bir-radju bidirezzjonali u li jippermettu monitoraġġ, kejl u trażmissjoni tad-*data* mill-bogħod b'infrastrutturi tal-grilji intelliġenti, bħall-elettriku, il-gass u l-ilma.

[b] "Apparati ta' allarm soċjali" tfisser sistemi tal-komunikazzjoni bir-radju li jippermettu komunikazzjoni affidabbli f'żona speċifika għal persuna f'diffikultà biex tkun tista' ssir sejħa għall-għajnuna. Tipikament, l-allarmi soċjali jintużaw biex jgħinu lill-anzjani jew lill-persuni b'diżabbiltà.

[c] "Radar tal-Kejl tal-Livell fit-Tankijiet" (TLPR, Tank Level Probing Radar) tfisser tip speċifiku ta' applikazzjoni għar-radjudeterminazzjoni li tintuża biex jitkejlu l-livelli fit-tankijiet u li tiġi installata fit-tankijiet tal-metall jew tal-konkrit rinfurzat, jew fi strutturi simili magħmulin minn materjal b'karatteristiċi ta' attenwazzjoni komparabbli. It-tank ikollu l-iskop li jaħżen xi sustanza.

[d] "Mudelli tal-apparati tal-kontroll" tfisser tip speċifiku ta' tagħmir tar-radju tat-telekmand u tat-telemetrija li jintuża biex jikkontrolla mill-bogħod il-moviment ta' mudelli (l-aktar ta' mudelli ċkejknin tal-vetturi) fl-ajru, fuq l-art, taħt l-ilma jew f'wiċċ l-ilma.

[f] Is-Sistemi tan-Networks ta' Żona ta' Korpi Mediċi (MBANSs) jintużaw biex tinkiseb *data* medika u huma maħsuba għal networking mingħajr fili u b'potenza baxxa ta' pluralità ta' sensuri u/jew attwaturi milbusa fuq il-persuna kif ukoll ta' apparat ċentrali imqiegħed fuq/madwar il-ġisem tal-bniedem.

[g] Punt ta' aċċess tan-network f'network tad-*data* huwa apparat terrestri fiss għal meded qosra li jaġixxi bħala punt ta' konnessjoni tal-apparat l-ieħor għal meded qosra f'network tad-*data* għal pjattaformi ta' servizzi li jinsabu 'l barra minn dak in-network tad-*data*. It-terminu "network tad-*data*" jirreferi għal bosta apparati ta' medda qasira, inkluż il-punt ta' aċċess tan-network, bħall-komponenti tan-networks, u għall-konnessjonijiet mingħajr fili bejniethom.

[h] L-endoskopija kapsulari medika mingħajr fili tintuża biex tinkiseb *data* medika maħsuba biex tintuża f'xenarji mediċi tal-pazjent bil-għan li jinkisbu immaġnijiet tas-sistema diġestiva umana.

[i] L-applikazzjonijiet tat-takografu intelliġenti, tal-piż u tad-dimensjoni huma definiti bħala infurzar mill-bogħod tat-takografu fl-Appendiċi 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/799 ([2]) u għall-infurzar tal-piż u tad-dimensjoni fl-Artikolu 10d tad-Direttiva (UE) 2015/719 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

[j] Sensuri tal-NMR magħluqa huma apparati fejn il-materjal/l-oġġett li qed jiġi investigat jitqiegħed fil-kompartiment magħluq tal-apparat NMR. It-tekniki NMR jużaw l-eċċitazzjoni tar-riżonanza manjetika nukleari u r-rispons tas-saħħa tal-kamp manjetiku ta' materjal/oġġett li jkun qed jiġi ttestjat biex tinkiseb informazzjoni dwar il-proprjetajiet materjali abbażi tar-risponsi tal-frekwenza tar-riżonanza tal-isotopi tal-atomi. L-immaġni tar-riżonanza manjetika nukleari u s-sistemi tat-tomografija bir-riżonanza manjetika mhumiex inklużi f'dan il-kamp ta' applikazzjoni.

[k] Is-sistemi tar-Radar b'apertura sintetika bbażati fuq l-art (SAR, Synthetic Aperture Radar) huma maħsuba għall-monitoraġġ tad-deformazzjoni tat-terren u tal-istrutturi naturali jew magħmula mill-bniedem, imwettqa minn radar tal-interferometrija.

[l] L-iscanners tas-sigurtà huma tip speċifiku ta' applikazzjonijiet għad-determinazzjoni tar-radju li jintużaw biex jindividwaw oġġetti li jinġarru minn persuna jew fuq il-persuna għal skopijiet ta' skrinjar ta' sigurtà mingħajr ma jsir ebda kuntatt fiżiku.

Rekwiżiti tekniċi u kjarifiki oħra msemmija fit-Tabella 2:

[1] Għall-applikazzjonijiet induttivi, fil-banda 20 japplikaw qawwiet tal-kamp ogħla u restrizzjonijiet addizzjonali tal-użu.

[2] Għall-applikazzjonijiet induttivi, fil-baned 22, 24, 25, 27a, u 28 japplikaw qawwiet tal-kamp ogħla u restrizzjonijiet addizzjonali tal-użu.

[3] Il-limitu tal-potenza għandu japplika ġo tank magħluq u jikkorrispondi għal densità spettrali ta' e.i.r.p. ta' – 41,3 dBm/MHz fuq barra ta' tank tal-ittestjar ta' 500 litru.

[4] L-Istati Membri jistgħu jispeċifikaw żoni ta' esklużjoni jew miżuri ekwivalenti li fihom l-applikazzjoni tad-detezzjoni tal-ostakli għall-użu fl-inġenji li jaħdmu bl-iskrejjen ma għandhiex tintuża għall-protezzjoni tas-servizzi tar-radjuastronomija jew għal użu nazzjonali ieħor. Inġenju li jaħdem bl-iskrejjen huwa definit bħala EASA CS-27 u CS-29 (JAR-27 u JAR-29 rispettivament fiċ-ċertifikazzjonijiet preċedenti).

[5] L-apparati għandhom jimplimentaw il-firxa kollha tal-frekwenzi abbażi ta' firxa tal-intunar.

[6] It-tikketti RFID jirrispondu f'livell baxx ħafna tal-potenza (e.r.p. ta' -20 dBm) f'firxa ta' frekwenzi madwar il-kanali tal-interrogatur tal-RFID u għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE.

[7] Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Jekk it-tekniki rilevanti huma deskritti fi standards armonizzati jew f'partijiet minnhom li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2014/53/UE, għandha tiġi żgurata għall-inqas prestazzjoni ekwivalenti għal dawn it-tekniki.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/799 tas-18 ta' Marzu 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-istallazzjoni, l-operazzjoni u t-tiswija ta' takografi u l-komponenti tagħhom (ĠU L 139, 26.5.2016, p. 1).

([3]) Id-Direttiva (UE) 2015/719 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 115, 6.5.2015, p. 1).

[8] Għandhom jintużaw ir-rekwiżiti tal-antenna li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għal konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Jekk ir-restrizzjonijiet rilevanti huma deskritti fi standards armonizzati jew f'partijiet minnhom, li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2014/53/UE, tal-anqas għandha tkun żgurata prestazzjoni ekwivalenti għal dawn ir-restrizzjonijiet.

[9] Għandha tintuża l-maskra tat-trażmissjoni li tipprovdi livell xieraq ta' prestazzjoni għal konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Jekk ir-restrizzjonijiet rilevanti huma deskritti fi standards armonizzati jew f'partijiet minnhom, li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2014/53/UE, tal-anqas għandha tkun żgurata prestazzjoni ekwivalenti għal dawn ir-restrizzjonijiet.

[10] Għandhom jintużaw ir-rekwiżiti tal-kontroll tal-potenza li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għal konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Jekk ir-restrizzjonijiet rilevanti huma deskritti fi standards armonizzati jew f'partijiet minnhom, li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2014/53/UE, tal-anqas għandha tkun żgurata prestazzjoni ekwivalenti għal dawn ir-restrizzjonijiet."